Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 393/ 2018

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kurt Muscat**

Illum is-27 ta' Novembru, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kurt Muscat detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 04295(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-13/12/2017 għal ħabta ta' 3:55 hrs bil-vettura KAV 135 ġewwa Triq il-Knisja, San Ġiljan.

1) Saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra li kont fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15 A (1)).

2) Naqas jew irrifjuta li jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina (Kap 65 Section 15 (E)).

3) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2)).

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jiġi skwalifikat mill-Liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru, 2018 li wara li rat Kap 65 Artiklu 15 A(1), Kap 65 Section 15E u Kap 65 Artiklu 151(a), 2, illiberatu mill-akkuża numru Tnejn (2) u sabitu ħati tal-akkużi numri Wieħed (1), Tlieta (3) u mmultatu multa ta' €2000.00, liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fil-1 ta' Novembru 2018, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda' att ġudizzjarju ieħor.

Il-liċenzja ma gietx sospiża għal din id-darba biss.

Rat ir-rikors tal-appellant Kurt Muscat, ppreżentat fil-25 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lill-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-esponent mit-tieni mputazzjoni, tirrevokaha fil-bqija tagħha billi tiddikjara lill-esponent mhux ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi in succint l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament sabet htija ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu billi ma

kienx hemm prova sal-grad rikjest mil-ligi illi huwa saq il-vettura tieghu fi stat ta' inebrijatezza u li habat ma' tlett vetturi ipparkeggjati u allura din il-konkluzjoni hija imsejsa unikament fuq supposizzjonijiet. Illi inoltre it-test tan-nifs li ittehiedlu gewwa l-ghassa tal-pulizija ma setax jitkompla billi huwa ibati bil-qtugh ta' nifs (asthma) u allura ma kienx f'posizzjoni jonfoh sew gewwa l-istrument. Jishaq illi l-uniku prova li kien hemm dwar dan il-fatt tinsab biss fl-affidavits tal-pulizija li nvestigaw dan il-kaz li tipprezenta verzjoni identika u mhux kredibbli. Xhud okulari ghal incident inoltre ma kienx hemm biex b'hekk l-Ewwel Qorti ma setatx tasal ghal konkluzjoni li kien hu li laqat dawn il-vetturi.

Illi minn ezami tal-atti processwali jemergi illi nhar it-13 ta' Diċembru 2017 għall-ħabta tal-erbgha ta' fil-ghodu (4:00hrs) il-pulizija ġew infurmati li kienet sehhet kolliżjoni fi Triq il-Knisja San Ġiljan u li x'aktarx ix-xufier involut f'dan is-sinistru stradali kien fis-sakra. PS850 S. Micallef u PC906 E. J. Gatt marru fuq il-post fejn sabu vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KAV135 tal-għamla Ford Escort li allegatament kienet ħabtet ma' tlett vetturi pparkeggjati f'tarf l-istess triq. In oltre ġie nnutat illi l-vettura kienet qabżet il-bankina u spiċċat wieqfa f'nofs Triq Ross, San Ġiljan. Din kellha *clamp* imwaħħal ma waħda mir-roti ta' quddiem fejn jidher illi x-xufier sahansitra kien saq biha. Il-pulizija tkellmu max-xufier, u cioe' l-appellant, fejn innutaw li dan kellu riħa qawwija ta' xorb fuqu u ma kienx qed idurlu lsienu sew meta jitkellem. Meta mitkellem, l-appellant ma kellux konoxxenza ta' x'kien ġara eżatt ghalkemm ighid li qabbditlu r-rota mal-bankina. Konsegwentement ittieħed l-għassa tal-pulizija fejn hemmhekk gie somminsitrat lilu t-test tan-nifs, izda huwa ma bediex jonfoħ sew ghaliex stqarr illi jbati bil-qtugh ta' nifs (asthma) u ghalhekk it-test ma setax jitkompla u ġie mmarkat bħala *'discontinued'*.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant, u li dwarha instab hati, tikkontempla r-reat imfassal fl-artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65, li huwa reat ghal kollox distint minn dak marbut mar-rizultat tat-test tan-nifs liema

reat huwa enkapsolat fl-artikolu 15E minn liema reat l-appellant gie illiberat. L-artikolu 15A jiddisponi illi:

> **Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta'vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.**
>
> **Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.**

Dan ifisser illi sabiex jkun hemm ir-reita' taht din id-disposizzjoni tal-ligi mhuwiex mehtieg illi tingieb bhala prova xi test ta' nifs li jindika illi l-livell tal-alkohol huwa ghola mill-limitu mahsub fil-ligi.

> **"..... ma hux eskluz illi, anki jekk ma jigux osservati "ad unguem" it-"tests" preskritti, eppure l-kumpless tal-provi jkun sufficjenti biex iwassal il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-imputat kien xurban fil-waqt li kien qieghed isuq, u l-istat tieghu ta' sokor kien tali li jaffetta l-mod tas-sewqan[1].**

Illi allura meta il-pulizija li nvestigaw dan is-sinistru stradali, it-tnejn isostnu illi huma xammew riha ta' xorb alkoholiku fin-nifs tal-appellant, din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiskarta din l-affermazzjoni iktar u iktar meta ma hemm ebda prova ohra in atti li tista' tikkonvinci lil Qorti bil-kontra ghallinqas sal-grad tal-probabbli. Mhux biss izda l-provi indizzjarji jindikaw illi l-appellant certament kien qed isuq il-vettura minghajr kont. Huwa ċar minn dak illi xehdu l-pulizija illi l-appellant kien saq mill-parkeġġ tal-Axis safejn ir-*roundabout* ghal-Portomaso bi *clamp* imwaħħla mar-rota ta' quddiem u kien spiċċa qabeż il-bankina tat-triq fejn seħħ l-inċident, u waqaf mar-roundabout ta' Portomaso, tant illi kien qed iżomm il-passaġġ liberu tat-traffiku. Illi gew osservati ħsarat fuq tlett vettura li kienu pparkjati wara xulxin fl-aħħar parti tat-triq qabel taqbad ir-*roundabout* ghal-Portomaso fuq in-naħa tal-lemin tal-istess triq u fejn jidher illi wieħed mis-sidien ta' dawn il-vetturi għamel rapport

---

[1] Emfazi tal-Qorit.

dwar il-ħsarat riskontrati minnu minħabba dan l- inċident. Illi l-vettura tal-appellant ukoll kellha xi hsara fiha. Ghal dawn is-serje ta' fatti li rrizultaw mix-xena tal-incident, l-appellant ma jaghtix spjegazzjoni ghalihom hlief li ighid lil pulizija *a tempo vergine* li r-rota qabbdet mal-bankina u li kien ghalhekk li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Illi gie deciz illi:

> ***"accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.***
>
> ***... <u>Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta</u>'".*** **(sottolinjar tal-Qorti)**
>
> **Hu veru li skond gurisprudenza aktar recenti, t-teorija ta' "res ipsa loquitur" f' materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero',jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.**
>
> **Gie ukoll ritenut li "ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll. *<u>sal-grad tal-probabbilta</u>'.*[2]"**

Illi l-appellant ma jixhidx f'dawn il-porceduri, kif *del resto* kellu kull dritt li jaghmel, biex b'hekk l-uniku verzjoni tieghu tal-fatti tistrieh fuq dak dikjarat lil pulizija *a tempo vergine* fejn stqarr maghhom illi ir-rota kienet qabbdet mal-bankina u spicca tilef il-kontroll fis-sewqan tieghu, motiv ghal kollox inverosimili li fil-fehma tal-Qorti ma huwiex sostnut bil-provi indizzjarji li hemm fl-atti, abbinat ma' dak li jixhdu il-pulizija u l-hsarat riskontrati. Illi

[2] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

allura ghalkemm ma hemm ebda xhud okulari ghall-incident, ghalkemm l-pulizija ighidu li rcevew rapport anonimu dwar sewqan perikoluz taht l-influwenza tax-xorb, madanakollu l-Qorti ma ghandha ebda ombra ta' dubbju illi l-fatti sehhew kif spjegat fix-xiehda tal-pulizija li investigaw dan il-kaz. Gie deciz ukoll:

> **F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.**
>
> **Il-karozzi ma jmorrux "out of control "bla raguni u meta dan jigri, jew ikun rizultat ta' xi malfunzjonament fil-"controls" tal-vettura jew ghaliex is-sewwieq ma jkunx zamm "within the approved package" tar-"road holding" tal-vettura partikolari li jkun qed isuq jew ghax ikun hemm xi mument ta' dizattenzjoni da parti tad-driver. .....**
>
> **Kieku kull driver li jkun involut f'incident tat-traffiku fejn ma jkunx hemm xhieda okulari, jinheba wara l-iskuza - kulltant genwina u kulltant fazulla - li ma jafx jew ma jiftakarx x'gara u il-gudikant ma jatix kaz tal-provi elokwenti li johorgu mix-xena tal-incident, li jkunu jindikaw sewqan minnu innifsu hazin, ikun facli ferm ghal min jikser il-ligi u jkun imprudenti jew bla kont fis-sewqan tieghu li jahrab mir-responsabiltajiet legali tieghu. Ghalhekk hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin.**[3]

Kwindi magħdud dan kollu u fid-dawl tal-provi ċirkostanzjali, l-Qorti hija tal-fehma illi l-konkluzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti ma ghandhomx jigu ddisturbati. L-appellant saq il-vettura meta ma kienx f'kundizzjoni jsuq minhabba fix-xorb biex b'hekk is-sewqan tieghu kien wiehed perikoluz u bla

[3] Il-Pulizija vs James Abela Appell Kriminali( sede inferjuri) 11/07/2002 .

kont li seta' kellu konsegwenzi ferm aktar serji. Konsegwentement l-aggravji imressqa mill-appellant qed jiġu miċħuda.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ewwel pagament rateali tal-multa inflitta ghandu jithallas fl-ewwel ta' Dicembru 2020 bil-pagamenti sussegwenti jsiru fil-bidu ta' kull xahar.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur